MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 61/2012

**A B**

**Vs**

**C D f'isimha proprju u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2011 giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri S B, u**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

Illi huwa kien mizzewweg lill-konvenuta C D u ssepara minn maghha fit-23 ta' Marzu 1995 permezz ta' kuntratt fl-atti tan_nutar Dr. Carmelo Gafa` (Dok. A) ;

Illi qabel is-separazzjoni hawn fuq imsemmija huwa kien ilu separat de facto min Ottubru tas-sena 1994 ;

Illi sussegwentement dan iz-zwieg gie wkoll annullat ;

Illi fit-8 ta' Dicembru 1995, il-konvenuta C D kellha tarbija li ssemmiet S B u kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness Dok. B, l-attur gie registrat bhala missier din it-tarbija, meta fil-fatt din it-tarbija giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni extra maritali li l-konvenuta kellha ma' terza persuna ;

Illi fil-fatt jirrizulta mic-certifikat tad-DNA (Dok. C) li l-attur mhuwiex missier il-minuri S B ;

Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 20 ta ' Frar 2012 (Dok. D), l-attur gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza ;

Illi l-attur ghandu interess li tigi impunjata l-paternita` tieghu fil-konfront tal-minuri.

Illi l-fatti hawn fuq dikjarati l-attur jafhom personalment.

Talab in vista tal-premess illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attur A B mhux il-missier naturali tal-minuri S B izda li l-istess S B huwa iben missier mhux maghruf;
2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri S B liema certifikat jgib in-numru ta' iskrizzjoni 5190/95 fis-sens illi fil-kolonna intestata isem u kunjom missier il-missier, jigu kkancellati l-kliem A B u jissostitwihom bil-kliem 'unknown father', u jigu kkancellati wkoll il-konnottati kollha tieghu msemmija fl-istess certifikat ta' twelid, inkluz il-professjoni, l-eta, il-post tat-twelid u residenza tieghu, kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet;
3. Tawtorizza kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba , u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tat-testijiet xjentifici kontra l-konvenuti jew minn minnhom ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illli preliminarjament trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa tal-inqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lill-konvenuta C D tammetti t-talbiet kollha attrici waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2012;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta’ denegata paternita’ *stante* li l-attur jikkontendi li ghalkemm kien mizzewweg lill-intimata C D, il-partijiet kienu sseparaw *de facto* f'Ottubru 1994. Is-separazzjoni legali taghhom sehhet fit-23 ta' Marzu 1995 permezz ta' kuntratt pubbliku redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa'. L-intimata weldet lill-minuri S B nhar it-8 ta' Dicembru 1995 u konsegwentement, minhabba l-presunzjoni legali naxxenti mill-ligi ta' Malta, tali minuri gie mnizzel bhala l-wild naturali tal-attur. L-attur jghid ukoll li l-minuri m'huwiex ibnu biologiku (minkejja li c-certifikat tat-twelid jghid hekk) u bhala prova ta' dan jesebixxi kopja tad-DNA test li juri fil-verita' li l-imsemmi minuri fattwalment m'huwiex ibnu. L-attur, permezz ta’ din il-kawza qieghed jitlob lill-Qorti sabiex filwaqt li tiddikjara li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri S B, konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Permezz tar-rikors guramentat tieghu l-attur jghid li huwa kien mizzewweg lill-intimata C D (liema zwieg gie sussegwentement annullat) u li huma sseparaw *de facto* f'Ottubru 1994. Il-kuntratt ta' separazzjoni gie publikat f'Marzu 1995 u f'Dicembru tal-istess sena, l-intimata welldet lill-minuri S B (ara c-certifikat tat-twelid tal-minuri esebit a fol 11 tal-process) li skond it-tezi tal-attur mhux ibnu naturali u dan *stante* li permezz tal-affidavit tieghu (ara a fol 24 tal-process) jiddikjara li miz-zmien li huwa hareg mid-dar matrimonjali u wara, qatt ma rega' kien intimu ma' martu. Prova ta' dan l-atturi jesebixxi kopja tad-*DNA test* esebit a fol 6 tal-process li juri li hemm 0% ta' possibilita' li l-minuri jista' jkun ibnu u li gie mahluf ukoll nhar il-21 ta' Gunju 2012 kif jirrizulta f'a fol 28 *et seq* tal-process.

Min-naha taghha, l-intimata tammetti t-talbiet (vide l-verbal datat il-15 ta' Gunju 2012 a fol 27 tal-process)

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku jduru fuq il-mertu tal-kaz, fis-sens li fl-ewwel lok l-attur jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wahda mic-cirkustanzi komminati fl-Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 u fit-tieni lok li mhux edott mill-fatti tal-kawza u ghaldaqstant irrimetta ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 li jghid hekk:

"***Ir-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ -***
***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u lmija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien flimpossibbiltà fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew***
***(b) jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:***
***Iżda ma jistax jiċħad lit-tifel jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew***
***(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew***
***(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u ttwelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità***".

Il-Qorti tirrileva li fil-fatt it-test ta' paternita' esebit juri bic-car li fattwalment l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri u konsegwentement, l-attur irnexxilu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-Artikolu 70(1)(d) tal-Kap. 16 permezz tal-istess *test*.

Illi in vista tar-rikors guramentat mill-attur, l-affidavit tieghu, l-ammissjoni tal-intimata C D u in vista tat-test ta' DNA esebit in atti, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-attur irnexxilu jipprova wiehed mic-cirkostanzi citati f'Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-attur A B mhux il-missier naturali tal-minuri S B izda li l-istess minuri huwa iben missier mhux maghruf;
(2) Tilqa' t-tieni talba billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri S Bonello mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem 'A B' u l-konnotati kollha tieghu u minflok jigi inserit il-kliem 'Missier mhux maghruf';
(3) Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti tal-istess minuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------